MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 46/2007

Maltacom plc (C22334) u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2007, l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal Go plc
vs
Berrad Youness

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-28 ta' Awwissu 2007, li jghid hekk :

'Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u disa' u erbghin centezmi [Lm325.49] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21550411 [A/C no. 10226440] li kien installat fil-fond bl-isem 'Penelope', Blk. B, Flat 6, Triq Il-Punici, Xlendi, Munxar, Ghawdex, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh, fit-termini tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, la deher u lanqas ipprezenta risposta.

Fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2009, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu.

Fl-istess udjenza tal-20 ta' Frar 2009, gewipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Frar 2010.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra :

Illi l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici huwa ghall-hlas in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numru 21550411 li gie nstallat fil-fond 'Penelope', Flat 6 Block B, Triq Il-Punici, Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex, fuq talba tal-konvenut, u dan kif jirrizulta mill-formola tal-applikazzjoni ghall-installazzjoni ta' servizz gdid tat-telefon esibita mis-socjeta' attrici, dokument EC1, liema servizz kien gie ttrasferit ghall-fond 'Arigona Flats', Flat 2 Block D, Triq Iz-Zirzieb, Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex, fl-14 ta' Jannar 2002, fuq talba tal-istess konvenut, sakemm is-servizz gie nterrott fl-1 ta' Awwissu 2003, wara li l-konvenut kien waqa' lura fil-pagamenti sa minn Novembru 2001.

Mill-statement tal-kont esibit jirrizulta li ghall-perjodu bejn id-19 ta’ Novembru 2001, sa meta gie effettivament sospiz is-servizz f’Awwissu 2003, il-konvenut m’ghamel ebda hlasijiet minkejja li jirrizulta mill-istess kont li baqa’ jaghmel uzu mis-servizz tat-telefon offrut mis-socjeta’ attrici.

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li l-konvenut effettivament ghamel uzu mis-servizz tat-telefon offrut mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu li jidher fl-statement esibit, u li baqa’ ma hallasx il-kontijiet li kien ghad fadal pendenti wara li s-servizz kien gie sospiz, u wara li kienet saritlu wkoll interpellazzjoni ghall-hlas permezz ta’ ittra ufficjali.

Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha mija u tmienja u hamsin Euro u dsatax -il centesimu [€758.19] ekwivalenti ghal tliet mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u disa’ u erbghin centezmu [Lm325.49], ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta’ telefon bin-numru 21550411 [A/C no. 10226440], bl-imghax legali b’effett mid-data tal-avviz tat-talba, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------